



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0141/2020**

7.4.2020

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-projbizzjoni tal-bejgħ ta' prodotti organiċi mkabbra fis-serer imsaħħna barra mill-istaġun tal-ħsad tagħhom

**Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-projbizzjoni tal-bejgħ ta' prodotti organiċi mkabbra fis-serer imsaħħna barra mill-istaġun tal-ħsad tagħhom**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Regolament (UE) 2018/848<sup>1</sup> jiddikjara li l-produzzjoni organika hija sistema ta' ġestjoni sostenibbli bbażata fuq l-użu responsabbli tal-enerġija u r-riżorsi naturali u għandha tirrispetta "[ta]s-sistemi u ċ-ċikli tan-natura";
- B. billi rapport ippubblikat fl-2013<sup>2</sup> irrakkomanda l-użu tal-inqas enerġija possibbli fil-biedja organika;
- C. billi tadama mkabbra f'serra msaħħna tipproduċi seba' darbiet aktar gass b'effett ta' serra milli tadama mkabbra fl-istaġun tagħha;
- D. billi l-bejgħ ta' prodotti agrikoli mhux staġjonali jinkoraġġixxi t-tkabbir f'serer imsaħħna;
- E. billi l-produtturi Franċiżi tal-frott u l-ħxejjex organiċi huma pprojbiti milli jikkummerċjalizzaw ħxejjex imkabbra f'serer imsaħħna barra mill-istaġun tal-ħsad tagħhom;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposti biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/848 sabiex il-kummerċjalizzazzjoni ta' frott u ħxejjex organiċi mkabbra f'serer imsaħħna barra mill-istaġun tal-ħsad tagħhom tkun ipprojbita fil-livell tal-Unjoni;
- 2. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tiffissa s-sena 2025 bħala s-sena li fiha s-serer kollha jiġu msaħħna esklussivament b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

---

<sup>1</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018R0848&from=MT> [ara l-Artikolu 5(a) u (c)].

<sup>2</sup> <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/farming/documents/final-report-etop-greenhouse-production.pdf>